# Parroċċa Qalb Bla Tebgħa
# Ta' Marija, Burmarrad

**50 Sena Konsagrazzjoni**
**Tal-Knisja Parrokkjali**
**1964-2014**



*LEĦEN IL-PARROĊĊA - Frar 2014 - Nru. 373*



# *Il-Kelma tal-Kappillan*

Għeżież,

Reġa' wasal il-Jum għażiż għalina l-Maltin meta nfakkru n-Nawfraġju fostna tal-Appostlu Missierna San Pawl. Dan kien seħħ 27 sena biss wara l-mewt ta' Ġesu'. Din id-diżgrazzja nbidlet fi grazzja kbira għalina l-Maltin...sinjal ċar ta' kemm anki f'ħajjitna, il-Mulej idawwar kollox għall-ġid tagħna. Alla tassew ħabbna li minn żmien kmieni daqshekk fl-istorja sejħilna għal din ix-xorti li nħaddnu l-Fidi Nisranija….li ngħarfu lil Ġesu' Kristu bħala l-unika Salvatur tagħna.

Propju erba' snin ilu, il-Papa Emeritu Benedittu XV1 kien feraħ magħna u kien għamlilna kuraġġ sabiex ngħożżu l-Fidi li ġabilna San Pawl. Tgħid illum għadna ngħożżuha?

Naħseb li qalbna tingħafas meta niltaqgħu, jew nisimgħu li xi wħud minna tbiegħdu mill-Fidi, mill-Knisja u mit-tagħlim tagħha, u saħansitra minn Ġesu'. Min iħobb verament lil Ġesu' u lill-Knisja tiegħu, l-Għarusa tiegħu, ma jistax jibqa' frisk bħal ħassa u ma jinkwetax quddiem sitwazzjoni serja bħal din.

Għeżież, irridu nitolbu bis-sħiħ ilkoll kemm aħna l-ewwelnett għalina nfusna biex insaħħu l-Fidi tagħna personali, u għal dawk qrib tagħna u anke 'l bogħod illi tilfu l-ġmiel ta' din il-Fidi li ġabilna San Pawl b'tant imħabba. Nitolbu l-interċessjoni tiegħu. Ejjew nimpenjaw ruħna bis-serjeta' biex flimkien ngħixu l-valuri tal-Evanġelju, għax nemmnu bis-sħiħ illi l-valuri Nsara huma l-aħjar pedament għal soċjeta' b'saħħitha. Neżaminaw ruħna bis-sinċerita' u naraw kemm qegħdin ngħixu u nistqarru din il-Fidi kemm fil-ħajja privata, pubblika, soċjali u anki dik familjari. Kemm qegħdha taqbel l-imġieba tagħna mal-Fidi li ngħidu li nistqarru?

Nawgura lil kull wieħed u waħda minna jagħrbel dawn il-ftit ħsibijiet li qsamt magħkom. San Pawl Missierna saħħaħna fil-Fidi!

Tkunu mberkin!

P.Joseph Mamo ofm Conv.

# Leġġenda Popolari

Alla tant kien kuntent! Qal: 'Ħa jkun hawn dinja bis-sema kaħlani u bil-baħar blu u bis-siġar ħodor u b'ħafna annimali differenti...' U hekk sar. Xemx, qamar, fjuri, siġar, muntanji, riħ, baħar, ħut, friefet....kollha saru fuq il-Kelma tiegħU. Imbagħad qal: 'Ħa nagħmel il-bniedem.' U għamlu kif ried Hu – saħansitra tah in-nifs tiegħu. Iva, Alla kien tant ferħan.

Imma x-xitan ma kienx. Minn dejjem kien għajjur. Minn dejjem kien irrabjat. Għalhekk lagħab logħba fuq Alla. Darba, meta Alla kien qiegħed jippassiġġa mal-ewwel raġel u mara, ġie hu wkoll. Qagħad jitkellem magħhom u malli Alla fetaħ fommu ħalli jitkellem, ix-xitan kien pront u sadd bil-kbir ħalq Alla. Alla ma setax jgħid kelma waħda u billi Alla joħloq billi jitkellem... il-bniedem sab ruħu f'idejn ix-xitan mingħajr l-għajnuna ħallieqa t'Alla.

Għaddew is-snin u x-xitan reġa' gie fuq Alla. Alla għamillu sinjal li xtaq jgħid kelma waħda biss. Ix-xitan qal bejnu u bejn ruħu: 'U iva, xi ħsara jista' jagħmilli b'kelma waħda?!' Għalhekk ħall il-faxxa li kien hemm ma' ħalq Alla...



U Alla qal kelma waħda. Kelma lill-bnedmin kollha. Kelma li ġabitilhom tant ferħ u hena. Kelma li kienet tiġbor il-maħfra, l-imħabba, u s-sbuħija li Alla kien ilu jżomm f'qalbu sa mill-eternita'. Qal: **'Ġesu'**!' Ix-xitan tilef għal dejjem....

# ĦAJJA U ĦIDMA – Frar 2014

**Is-Sibt 1** **L-Ewwel Sibt tax-xahar.** Inġeddu l-konsagrazzjoni tagħna lil Qalb Bla Tebgħa ta' Marija. Bejn l-10.00am u 12.00pm tkun miftuħa l-librerija. 5.15pm – Fil-Parroċċa tibda l-Adorazzjoni.

**Il-Ħadd 2** Illum niċċelebraw il-preżentazzjoni tal-Mulej.
Jum il-Ħajja Kkonsagrata. Fil-Quddiesa tat-8.30am issir il-Funzjoni tal-Gandlora.

**Il-Ħamis 6** L-Ewwel Ħamis tax-xahar. Issir l-Adorazzjoni fis-Seminarju tal-Virtu' b'talb għall-vokazzjonijiet saċerdotali u reliġjużi. Tluq minn ħdejn il-Parroċċa f'nofs in-nhar.

**Il-Ġimgħa 7** L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar. Inġeddu l-konsagrazzjoni tagħna lil Qalb Imqaddsa ta' Ġesu'.

**Il-Ħadd 9** Fl-10.00am Tibda maratona tal-Liedna fiċ-Ċentru Parrokkjali. Iddum il-ġurnata kollha. Merħba lil dawk kollha li jistgħu jagħtu l-għajnuna. Ser ikun hemm xi ikel għall-bejgħ.

Fl-10.30am – Laqgħa tal-Grupp Familji Nsara fiċ-Ċentru Parrokkjali.

**Ħadd 9 sas-Sibt 15** **Il-Ġimgħa taż-Żwieġ**.
Nitolbu sabiex insaħħu dan is-Sagrament

**It-Tnejn 10** Jum Speċjali għal pajjiżna. Is-Solennita' tal-Appostlu Missierna San Pawl. Hemm l-obbligu tas-smigħ tal-Quddiesa.
Il-Quddies ikun bħal tal-Ħadd 6.00am, 8.30am, 6.15pm.
Fl-10.00am Quddiesa fil-Kappella San Pawl Milqi bis-sehem tal-Kor Parrokkjali.

**It-Tlieta 11** **L-Ewwel dehra tal-Madonna ta' Lourdes u Jum il-Morda.**
7.00pm Laqgħa tal-Kunsill Parrokkjali fiċ-Ċentru Parrokkjali.

**L-Erbgħa 12** Fid-9.30am Laqgħa ta' Formazzjoni dwar l-ikel li mhux naturali vis-a-vis ħajjitna u l-Ambjent minn Francesca Chetcuti fiċ-Ċentru Parrokkjali.

**Il-Ħadd 16** Bejn id-9.30 am u 12.00pm il-Kumitat Festa joħroġ jagħmel it-tieni ġabra bieb bieb b'risq il-Festa Titulari. Grazzi tal-għajnuna u l-ġenerożita' tagħkom.

**It-Tnejn 17** Illum jaħbat is-57 Sena mit-Tqegħid tal-Ewwel Ġebla tal-Knisja Parrokkjali tagħna. Grazzi Mulej u bierek lil Benefatturi kollha li ħadmu biex illum għandna dan it-Tempju ddedikat lil Qalb bla Tebgħa ta' Marija.

**L-Erbgħa 19** Fis-6.45pm – Lectio Divina fil-Knisja wara l-quddiesa.

**Il-Ħamis 20** Fid-9.00am – Quddiesa u Coffee Morning organizzat Mill-kumitat tal-festa. Min jixtieq jattendi jħalli ismu fis-sagristija jew ikellem lill-helpers.

**Is-Sibt 22 u l-Ħadd 23** L-aħħar weekend tax-xahar u bħas-soltu ssir il-ġabra speċjali b'risq il-Parroċċa tagħna.

**Il-Ħadd 23** Jum il-Lajċi Nsara.

**It-Tlieta 25** Fil-5.15pm – Tibda l-Adorazzjoni tal-Ħniena Divina.

# Dehriet tal-Madonna f'Lourdes

Tifkira tad-Dehriet
Frar 11,14,18,19,20,21,23,24,25,26,27,28
Marzu 1,2,4,25 April 7 Lulju 16

**Talba**



*O Verġni Mmakulata, Omm tal-ħniena, saħħa tal-morda, refuġju tal-midinbin, konsolatriċi tal-imnikktin, Inti tagħraf il-bżonnijiet tiegħi, it-tbatijiet tiegħi, ixħet fuqi l-ħarsa ħanina tiegħek. Bid-dehra tiegħek fil-Grotta ta' Lourdes, Inti ridt li hija ssir lok magħżul mnejn ixxerred il-grazzji tiegħek, u diġa' bosta msejknin sabu r-rimedju tal-mard tagħhom tar-ruħ u tal-ġisem. Niġi jiena wkoll mimli bit-tama sabiex nitolbuk il-grazzji tiegħek ta' Omm: isma' Omm ħanina, it-talb umli tiegħi, sabiex mimli bil-benefiċċji tiegħek, nagħmel kemm nista' biex nimita l-virtu' tiegħek, biex ġurnata jkolli sehem fil-glorja tiegħek tas-sema. Hekk ikun.*

*Omm tagħna ta' Lourdes, itlob għalina.*

# Ravjulata

**Is-Sibt, 8 ta' Marzu 2014**

**Mis-7.30pm 'l quddiem**

**Fiċ-Ċentru Parrokkjali San t'Antnin,**
**Triq P. Wistin Magro**



## TOMBLA

**Prezz: Kbar €8 – Tfal €4**

Kumitat Festa Burmarrad

**Biljetti: 77622275 / 99457234 / 99257257**

# Tajjeb Tkun Taf

❒ Il-Moviment Malti dwar it-Tarbija li se titwieled se jiċċelebra Jum il-Ħajja nhar il-Ħadd 2 ta' Frar 2014. Fl-10.00am issir żjara ta' Kortesija mill-Moviment lill-ET Dr George Abela fil-Palazz il-Belt. Fil-11.00am issir Quddiesa Konċelebrata mill-Eċċ.Tiegħu Mons. Isqof Charles Scicluna fil-Kon-Kattidral ta' San Ġwann, bis-sehem ta' koppji li se jkollhom tarbija. F'Nofs in-Nhar issir Manifestazzjoni favur il-Ħajja fl-Oratorju tal-Caravaggio fil-Kon-Katidral stess. Kulħadd mistieden, speċjalment il-koppji li qed jistennew tarbija.

❒ **Irtir Bidu tar-Randan**
Il-Ħadd 9 ta' Marzu 2014, bejn id-9.30am u 12.00pm fiċ-Ċentru Parrokkjali. Żommu din id-data libera.

❒ **Eżerċizzi Randan zommu dawn id-dati liberi:**

**Eżerċizzi Tfal**
10 – 14 ta' Marzu – 4.30pm

**Eżerċizzi Żgħażagħ**
7-14-21-28 ta' Marzu – 8.00pm fis-Sala Parrokkjali San Pawl il-Baħar.

**Eżerċizzi Miżżewġin**
24 – 28 ta' Marzu – 6.45pm

**Eżerċizzi Kulħadd**
7-11 t'April – 7.00pm

